**25 ta' April, 1990**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Hugh W. Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmelo Scicluna B.A., LL.D.**

Carmelo sive Charles Delia *et*

*versus*

Ir-Reġistratur tal-Qrati in rappreżentanza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali inferjuri *et*

**Kostituzzjoni – Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem – Smigħ Xieraq – Libertà Personali – Reġistratur tal-Qrati – Integrità tal-Ġudizzju – Leġittimu Kontradittur – Intervenut fil-Kawża – Konvenut – Avukat Ġenerali**

*Ir-rikorrent Delia kien ġie arrestat wara li l-appell tiegħu pendenti quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali kien safa deżert billi huwa naqas li jidher għalih. Huwa ppretenda li ġie vjolat id-dritt tiegħu għal smigħ xieraq kif ukoll id-dritt tiegħu għal-libertà personali. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet it-talbiet tar-rikorrent. Fl-appell interpost mir-rikorrent ġie sollevat il-punt tal-leġittimità tal-persuna ta' l-intimat. Il-Qorti Kostituzzjonali laqgħet din l-eċċezzjoni sollevata mill-intimat u lliberatu mill-osservanza tal-ġudizzju.*

*Ir-Reġistratur tal-Qrati ma għandux ir-rappreżentanza tal-Qrati u mhux persuna leġittima biex joqgħod f'kawża fejn jiġi allegat li d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent ġew vjolati bi proċeduri pendenti quddiem il-Qrati. Il-Qorti osservat inoltre li l-proċeduri għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali ma setgħux jimxu mingħajr il-presenza fihom ta' leġittimu kontradittur. L-intervent ta' l-Avukat Ġenerali f'dawn il-proċeduri ma kenitx tissanahom għax il-posizzjoni ta' l-intervenut ma hix waħda li tista' tiġi ekwiparata għal dik ta' konvenut.*

Il-Qorti: – Rat ir-rikors Kostituzzjonali Nru. 120/83G preżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li bih Carmelo sive Charles Delia, u l-Avukat Dr. Joe Brincat eżerċenti d-dritt ta' l-azzjoni popolari, esponew bir-rispett:

Illi fl-1 ta' Settembru, 1983, Carmelo sive Charles Delia fuq avviż bil-fomm ta' l-Imħallef sedenti fil-Qorti ta' l-Appell Kriminali, kellu jidher għall-kontinwazzjoni ta' l-Appell li hu kien interpona minn sentenza tal-Qorti tal-maġistrati:

L-istess Delia tfixkel fid-data u mar l-għassa tal-pulizija ta' Bormla fejn qalulu li hu kellu jirċievi notifika bil-miktub għad-data li fiha kellu jidher;

Fl-1 ta' Settembru, ma deherx u fis-6 ġabruh u bagħtuh il-ħabs. Sar rikors ħalli jkun hemm ir-revoka. L-Avukat Ġenerali oġġezzjona li kien laħaq għadda ż-żmien. Sar rikors ieħor fejn l-esponent ġibed l-attenzjoni tal-Qorti li bi prassi ħażina li kienet daħlet fil-Qorti ta' l-Appell Kriminali kienet effettivament qed tinkiser il-liġi ċara u miktuba. B'digriet tad-9 ta' Settembru, 1983, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali ċaħdet iż-żewġ rikorsi;

Illi dan ir-rikors kostituzzjonali qed isir fuq it-tieni rikors imsemmi, u dan peress li l-Qorti ta' l-Appell Kriminali b'digriet tagħha ta' l-1 ta' Settembru, 1983, kisret l-artikolu 35 u 40 tal-Kostituzzjoni dwar id-dritt tal-bniedem li ma jiġix arbitrarjament arrestat, u dritt tal-protezzjoni tal-liġi;

Fil-każ in eżami mhux qed jiġi kontestat li xi dispożizzjoni tal-Kodiċi Kriminali hija kontra l-Kostituzzjoni. Imma qed jiġi allegat li dak li sar kien kontra l-Kodiċi Kriminali u kontra l-Kostituzzjoni;

Ftit fatti ta' l-imgħoddi. Sa ftit snin ilu meta l-appellant kien jidher quddiem il-Qorti Kriminali meta l-kawża tiġi differita, ir-Reġistratur kien jagħti notifika fl-Awla stess lill-appellant bid-data tad-differiment. Beda jgħaddi ż-żmien u din il-proċedura nqatgħet, u l-Imħallef kien jagħti d-differiment fuq it-tribuna u l-appellant jitwixxa mill-Marixxall li jiftakar għaliex ma jirċevix karta. Anke din inqatgħet. Bniedem li jidher quddiem Maġistrat għalhekk ġieli allavolja jkun irċeva differiment bil-fomm quddiem

Maġistrat, jirċievi karta bil-pulizija għal kull differiment, u meta jiġi fl-appell ma jirċievi xejn;

Dan hu kontra l-liġi miktuba ċara, u l-Kostituzzjoni qiegħda hemm mhux biex tipproteġi ċ-ċittadin kontra kull allegat, ksur tad-drittijiet tal-bniedem mill-esekuttiv imma anke jekk dan il-ksur isir minn Qorti ta' ġustizzja. Għaliex kulħadd huwa obbligat li joqgħod għall-kelma tal-liġi miktuba;

Fil-każ preżenti l-Kodiċi Kriminali tiddisponi l-artikolu 433(1); "Avviż tal-ġurnata maħtura mill-Qorti Superjuri għas-smigħ ta' l-Appell, għandu jiġi mogħti lill-partijiet b'ordni bil-miktub iffirmat mir-Reġistratur tal-Qrati Superjuri". Ċara bil-Malti, u tant ieħor bl-Ingliż;

Il-Kodiċi jkompli fl-artikolu 434(1): "jekk fil-jum tas-smigħ tal-Appell, l-appellant ma jidhirx, l-Appell tiegħu jingħad deżert u s-sentenza Appellata tiġi esegwita....." Ċara wkoll bil-Malti, u bl-Ingliż ukoll;

Iżda daqs tant huwa ċar li d-data tas-smiegħ meta l-Imħallef ikollu l-poter li jgħid li l-Appell hu deżert trid tkun mogħtija bil-miktub **lill-appellant.**

L-esponent jagħmel ukoll riferenza għar-rikors preżentat quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali għall-argumentazzjoni tal-istess post;

L-esponenti talbu bir-rispett li dik l-Onorabbli qorti jogħġobha: (a) Tordna r-rilaxx immedjat ta' l-esponenti Carmelo sive Charles Delia, biex jiġi żgurat li ma jkunx hemm preġudizzju

rrimedjabbli għalih, speċjalment sa ma jispiċċaw il-preżenti proċeudri; (b) Tordna t-tħassir definittiv tad-digriet tad-deżerzjoni (ta' l-ewwel) 1 ta' Settembru, 1983, mogħti mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet tal-Pulizija vs. Carmelo sive Charles Delia, *u dan għar-raġunijiet premessi*, (ċ) Tordna l-kontinwazzjoni ta' l-istess Appell u (d) Tordna li jiġi notifikat bid-data meta sa jkun hemm is-smigħ; u ta' dawk l-Ordnijiet opportuni li jidhrilha skond l-istess Kostituzzjoni;

Rat it-talba ta' l-Avukat Ġenerali biex ikun ammess bħala parti fil-kawża *in statu et terminis* a tenur ta' *l-artikolu 959* tal-kapitolu 15 u tar-Regolamenti tal-Qorti ta' l-1964 dwar id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali (A.L. 48/84) kienet milqugħa;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-Intervenut fil-kawża l-Avukat Ġenerali li fil-mertu ssottometta li ma kien hemm ebda ksur ta' ebda dritt fundamentali tar-rikorrent bid-digriet ta' deżerzjoni ta' l-1 ta' Settembru, 1983. Dan id-digriet ingħata in konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali, kif dawna d-dispożizzjonijiet ġew interpretati għal bosta snin u minn diversi Mħallfin sedenti fil-Qorti ta' l-Appell Kriminali; dina l-interpretazzjoni bl-ebda mod ma tmur kontra d-dispożizzjonijiet tal-liġi;

Illi anke kieku, għall-grazzja ta' l-argument, **"dato ma non concesso"** id-digriet ta' l-1 ta' Settembru, 1983, kien jivvjola xi dritt fundamentali tar-rikorrent Delia r-rimedju, anke skond il-Kostituzzjoni, huwa dak ordinarju fl-ewwel lok; (art. 47(2) proviso). Evidentement taħt il-Kodiċi Kriminali r-rikorrenti setgħu fit-terminu stabbilit fil-liġi jagħmel ir-rikors biex

jiġġustifika għala ma deherx u biex il-kawża tiġi riappuntata. Għalhekk illum din il-Qorti għandha tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skond is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 47 tal-Kostituzzjoni;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-31 ta' Lulju, 1987, li biha fiċ-ċirkostanzi qatgħet u ddeċidiet li għandha tirrespinġi t-talbiet kontenuti fir-rikors – l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet u dana wara li kkunsidrat illi: –

Ir-rikorrent kellu proċeduri rigwardanti Appell Kriminali Inferjuri quddiem l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali, li għall-ewwel smigħ tagħhom kien debitament intimat bil-miktub waqt is-smiegħ ta' l-Appell, il-każ kien differit diversi drabi, u bħas-soltu d-differiment fl-Awla ma reġax kien intimat bil-miktub. Fid-differiment ta' l-1 ta' Settembru, 1983, ir-rikorrent ma deherx għal xi raġuni jew oħra (jallega li kien żvijat mill-pulizija li kellu jerġa' jirċievi intimat bil-miktub) u l-Appell kien dekretat deżert; bil-konsegwenza solita li s-sentenza kienet mogħtija l-effett normali tagħha u fil-fatt skond is-sentenza li kellu fil-ħabs;

Ir-rikorrent jissottometti li dan, ukoll jekk bażat fuq il-prassi normali ta' dik il-Qorti jivvjola l-Kostituzzjoni, ikkunsidrat illi l-mera allegazzjoni ta' ksur tad-drittijiet fundamentali hija biżżejjed biex il-Qorti jkollha ġurisdizzjoni biex tinvestiga hemmx il-ksur. Jekk issib li hemm il-ksur tirrimedja hi mill-aħjar li tista', kważi mingħajr limiti. Biex issib dan trid tkun sodisfatta li hekk hu; jekk ma tkunx ikollha tiċħad it-talba;

Issa l-ewwel dritt fundamentali li r-rikorrent jallega li nkiser

fil-każ tiegħu huwa dak kontemplat fl-artikolu 35 (illum 34) tal-Kostituzzjoni li jipprovdi "Ħadd ma għandu jiġi pprivat mil-libertà personali tiegħu";

Iżda mbagħad l-artikolu jikkontempla diversi eċċezzjonijiet fosthom.

(a) fl-esekuzzjoni tas-sentenza jew ordni tal-Qorti, sew Malta jew band'oħra, dwar reati kriminali li tagħhom ikun ġie misjub ħati.

M'hemmx dubbju li l-każ tiegħu, ir-rikorrent kien ikkundannat b'sentenza ta' Qorti Kriminali ta' Malta;

Il-lanjanza tiegħu kienet li biex wasslet għas-sentenza tagħha, il-Qorti ma mxietx ritwalment skond kif fil-fehma tiegħu, kellha timxi, u kif hu jaċċetta, li tradizzjonalment kienet timxi, ċertament għal xi snin. **Pro tanto,** il-lanjanza tiegħu tista' tinvolvi biex indirettament xi dritt fundamentali tiegħu u hija diretta lejn l-interpretazzjoni tradizzjonali, tajba jew ħażina tal-provvedimenti li jirrigwardaw il-proċedura tal-Appell Kriminali għalhekk l-eċċezzjoni tapplika u l-Qorti tieqaf hawn fir-rigward ta' dan l-artikolu tal-Kostituzzjoni;

Ir-rikorrent jallega wkoll il-ksur fil-każ tiegħu ta' l-art. 40 (illum 39) tal-Kostituzzjoni li jgħid: "kull min ikun b'reati kriminali ...... għandu jitħalla li jkollu bla ħlas l-għajnuna ta' interpretu *jekk ma jkunx jifhem l-ilsien użat fil-proċeduri dwar* l-akkuża";

Frankament il-Qorti ma tarax kif il-fatti ta' dan ir-rikors

jinkwadraw f'dan l-artikolu għax ir-rikorrent huwa Malti u l-proċedura ta' l-Onor. Qorti ta' l-Appell Kriminali kienu bil-Malti;

Ikkunsidrat li proprju għax id-drittijiet fundamentali huma drittijiet hekk speċjalment li jitolbu protezzjoni l-ewwel u qabel kollox, il-vjolazzjoni tagħhom biex iċċaqlaq lill-Qorti trid tkun ċara, inekwivoka u mingħajr tiġbid. Il-Qorti għandha timxi bis-saħħa kollha tal-liġi biex tipprovdi rimedju għall-ksur reali iżda mhux fil-każi dubbjużi u nebolużi li jistgħu jinġiebu quddiemha;

Rat ir-rikors ta' l-appell kostituzzjonali ta' l-istess Carmelo sive Charles preżentat fis-6 ta' Awissu, 1987 li biha għar-raġunijiet hemm esposti talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet premessi fil-31 ta' Lulju, 1987, u minflok tilqa' t-talbiet tiegħu għar-rimedju u dan prinċipalment billi tordna t-tħassir tad-digriet ta' deżerzjoni u tqiegħed lir-rikorrenti fl-istess stat li kien qabel id-digriet ta' deżerzjoni;

Rat in-nota ulterjuri tar-Reġistratur tal-Qorti nomine li biha formalment eċċepixxa li hu mhux, u ma jistax ikun, il-leġittimu kontradittur f'dina l-kawża stante li hu m'għandux ir-rappreżentanza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali f'liema kwalità huwa ġie mħarrek;

Rat l-atti l-oħra tal-kawża u b'mod partikolari l-verbal tal-5 ta' Marzu, 1990 li minnu jirriżulta li l-partijiet qablu li l-kawża tmur għas-sentenza sija fuq il-punti hemm imsemmija kif ukoll okkorrendo fuq il-meritu;

Semgħet lid-difensuri;

Ikkunsidrat: –

L-intimat Reġistratur tal-Qrati qiegħed jissottometti li huwa mhux leġittimu kontradittur f'din il-kawża stante li ma jirrappreżentax u ma jistax jirrappreżenta lill-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) kif ġie mħarrek;

Il-funzjonijiet tar-Reġistratur tal-Qrati ġew eżaminati **funditus** minn din il-Qorti fil-kawża "Lucien Stafrace nomine vs. Aġent Reġistratur tal-Qorti et" deċiża fid-9 ta' Novembru, 1988. Id-diversi dispożizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (art. 57(1)(2) ) jispjegaw x'inhuma dawn il-funzjonijiet tiegħu u juru li huwa "għandu jieħu l-ordnijiet mingħand l-awtorità ġudizzjarja". Minn imkien ma jirriżulta li huwa għandu s-setgħa li jirrappreżentaha. Il-Qorti, anke wara li semgħet is-sottomissjonijiet tad-difensuri, ma tara l-ebda raġuni l-għala għandha tiddipartixxi mill-imsemmija konklużjoni. Għandu jiżdied però li billi l-eċċezzjoni ġiet sollevata f'dan l-istadju ta' l-appell, għalhekk, skond il-ġurisprudenza kostanti f'każijiet simili, għandu jkun hemm temperament fil-kap ta' l-ispejjeż;

Ir-rikorrent appellant qiegħed jipprova jsostni l-azzjoni tiegħu billi jissottometti li f'kawżi taħt l-art. 46 tal-Kostituzzjoni (bħal ma hija dik preżenti) fi kwalunkwe każ ma hemmx bżonn li jkun hemm leġittimu kontradittur. Apparti l-fatt li l-azzjoni ġiet intentata kontra persuna li r-rikorrent jippretenda li huwa leġittimu kontradittur u din il-Qorti issa qiegħda tirritjeni li ma

hix, anke din il-kwistjoni sollevata mir-rikorrent ġiet eżaminata "ex professo" u deċiża b'mod avvers għall-imsemmija sottomissjoni u dana fil-kawża fl-ismijiet "L-Onorevoli Lino Debono vs. Maġistrat Dottor Michael Mallia" deċiża fid-19 ta' Frar, 1990;

Il-Qorti, anke kif illum komposta, anke wara li semgħet is-sottomissjonijiet ta' l-abbli difensur tar-rikorrent, ma tara l-ebda raġuni l-għala għandha tiddiskosta ruħha mill-konklużjonijiet hemm milħuqa f'dan ir-rigward. Biżżejjed jingħad li l-Kostituzzjoni ma għażiltx Qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja iżda għażlet lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili biex tieħu konjizzjoni ta' proċeduri bħal dawk preżenti. Mhux hekk biss imma l-istess Kostituzzjoni fl-art. 46(4) tiddisponi li "*Kull parti* fi proċeduri miġjuba quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti skond dan l-artikolu jkollha dritt ta' appell quddiem il-Qorti Kostituzzjonali". Il-kliem "kull parti" juru li l-Kostituzzjoni qiegħda tikkontempla iżjed minn parti waħda f'dawn il-proċeduri taħt l-art. 46 u għalhekk anke għal din ir-raġuni biss, li toħroġ mill-kliem espressi tal-Kostituzzjoni, l-imsemmija sottomissjoni tar-rikorrent hija, fil-fehma tal-Qorti, infondata;

Ikkunsidrat:

Ir-rikorrent appellant qiegħed ukoll jippretendi li meta l-Avukat Ġenerali intervjena fil-kawża, huwa ssana l-pożizzjoni legali u għalhekk fi kwalunkwe każ hemm hu bħala leġittimu kontradittur f'din il-kawża. Il-Qorti però hi tal-fehma li l-Avukat Ġenerali, bħala intervenut fil-kawża, ma jistax jiġi kkunsidrat bħala leġittimu kontradittur. Kif ġie ritenut mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawża "Ellul Sullivan nomine vs. Abela nomine" 19

ta' Novembru, 1971, l-intervenjent ma hux "parti" jew "kontendent", ċjoè huwa ma jsirx la attur u lanqas konvenut. Għalkemm il-Qorti għandha tikkunsidra s-sottomissjonijiet tiegħu u għalhekk tiddeċiedi (jekk ikun hemm) il-punti li hu jissolleva, huwa la jsir l-attur leġittimu kontradittur – u dana a differenza tal-kjamat fil-kawża li huwa b'liġi espressa (art. 962, Kap. 12) kkunsidrat konvenut fil-kawża. Isegwi għalhekk li meta l-Qorti tirritjeni li r-Reġistratur tal-Qrati nomine mhuwiex leġittimu kontradittur, il-kawża tisfa bla leġittimu kontradittur u l-Qorti ma tistax u m'għandhiex tmur oltre.

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddisponi mill-Appell billi tilqa' l-imsemmija eċċezzjoni ulterjuri tar-Reġistratur tal-Qrati nomine u tiddikjara li huwa mhux kontradittur leġittimu f'din il-kawża u għalhekk tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju. L-ispejjeż sija ta' l-ewwel istanza kif ukoll ta' din l-istanza għandhom jibqgħu bla taxxa bejn ir-rikorrent appellant u l-intimat appellat. L-ispejjeż ta' l-intervenut fil-kawża fil-każ taż-żewġ istanzi għandhom jiġu sopportati mill-istess intervenut.